# KUMITAT AMMINISTRATTIV BUBAQRA
## Kunsill Lokali |urrieq -

# MINUTI
# LAQGĦA ANNWALI

3 ta' Frar, 2015

Il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra tella' l-Laqgħa Annwali fis-Sala tal-Kappella ta' Santa Marija f'Bubaqra, fis-7.15 ta' filgħaxija.

## PRE|ENTI

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, l-Viċi Chairperson Maria Schembri, il-membri Joseph D'Amato, Marilyn Sammut u Kevin Sam Farrugia.

Uffiiċċjal preżenti - Josianne Cilia Mumford Segretarju Eżekuttiv.

Kienu preżenti 4 persuni.

## MINUTI

### 1. Introduzzjoni

Iċ-Chairperson irringrazzja lil dawk preżenti u talabhom sabiex wara li jinqara r-rapport ta' ħidma, jressqu s-suġġerimenti u l-ilmenti tagħhom.
Is-Segretarju Eżekuttiv introduċiet lill-membri tal-Kumitat Amministrattiv u nqara rapport ta' ħidma ta' xogħol li sar tul is-sena 2014 mill-istess Kumitat.

**Ħidma tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra**

1. Sar il-patching fit-toroq kollha taż-żona.
2. Saru bankini ġodda jew li kellhom bżonn jinbidlu..
3. Refresh tas-sinjali kollha ta' Bubaqra.
4. Ħa ħsieb li s-sistema tat-tindif ta' knis mit-toroq.

5. Baqa' jiġi ppublikat il-*leaflet* għal Bubaqra u l-kartolina tal-Milied li jiġu mqassma bieb bieb.

6. Tisqija tal-pjanti u siġar li hemm fiż-żona ta' Bubaqra.

7. Qtugħ ta' ħaxix mit-toroq iktar frekwentati.

8. Żdiedu lampi ġodda fi Triq Ħal Far.

9. Sar studju fuq Triq Zakkarija Ronkali u l-madwar biex jitjieb it-traffic management, saret applikazzjoni mat-TM biex ikun approvat u sar ix-xogħol meħtieġ.

10. Saret bankina tul art kbira fi Triq G M Callus.

11. Ġew installati aktar dog bins.

12. Il-Kumitat Amministrattiv għal din is-sena minflok żied ornamenti oħra tal-milied, għamel żewġ ornamenti minn dawk eżisteni jaħdmu mekkanizat.

13. Sar riċeviment għat tfal ta' Bubaqra fejn kien hemm konkorrenza kbira. Dan sar kollu permezz ta' sponsors minħabba li riċevimenti ma jistgħux isiru mill-Kunsill/Kumitati Amministrattivi.

14. Għal sena oħra l-Kumitat Amministrattiv reġgħa applika biex jieħu għajnuna ta' fondi sabiex ikun jista jerġa jtellgħa attivita' kulturali f'Bubaqra. Għal din is-sena wkoll reġgħa stieden lill-għaqdiet kollha taż-Żurrieq, fejn applikaw iż-żewġ soċjetajiet mużikali li offrew attivita' kull wieħed. Kienet magħżula l-attivita' Raħħala Żrieraq bl-għajnuna tal-Għaqda Karmelitana u Banda Queen Victoria fis-26 ta' April. Wara saret attivita' bl-għajnuna tas-Soċjeta Mużikali li kien jisimha 'It-tieġ tradizzjonali Malti' li saret fis-17 ta' Mejju.

15. Sar rapport mill-Perit tal-Kunsill fuq l-għargħar li qed ikun hemm fi Vjal l-Indipendenza k/m Triq San Martin.

16. Sar rapport fuq l-ilma li joqgħod fi Triq Dun Gejt Muscat k/m Triq Dun Nard Mallia, ix-xogħol ġie approvat u ser jibda fi Frar 2015.

17. Rega sar restawr tal-istatwa ta' Santa Marija fil-Misraħ ta' Bubaqra.

18. Il-Gal Xlokk jekk jifdallhom savings mil-budget ser jagħmlu wiċċ lil parti minn Triq Gio Batta Riccio.

19. Tneħħiet il-Bring in Site minn Triq Kalanġ Bugeja minħabba li ma kienetx qed tintuża tajjeb u tħalliet dik ta' fejn iċ-¬imiterju. Saret ordni għall-CCTV fil-viċin.

20. Intalbet l-għajnuna ta' Transport Malta biex isir traffic management fi Triq il-Qiegħa.

21. {iet milqugħa applikazzjoni għall-fondi mill-EU fir-rigward ta' exchange taż-żgħażagħ.

22. Il-Kumitat Amministrattiv beda l-proċeduri biex isir wiċċ ġdid fi Triq it-Torri (il-parti ta' bejn Triq Fra Gammari Zammit u Vjal l-Indipendenza. Liema stima tlaħħaq 31,255.50Euro. Ix-xoghol ser jibda fi Frar 2015.

23. Sar xogħol ta' tindif bil-gafef, fi sqaq fi Triq it-Torri.

## 2. Ilmenti/Suġġerimenti minn Resident preżenti

- Residenti qed jitfgħu annimali mejta u anke saqqijiet fejn il-Bring in Site ta' fejn iċ-¬imiterju.

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li għad hawn residenti li jridu jedukaw ruħhom u jużaw is-servizzi provduta b'xejn tajjeb. Sadanittant il-kuntrattur qed inaddaf il-madwar kuljum.

- Resident staqsa meta ser issir bit-tarmak Triq Fra Gan Marie Zammit.

Iċ-Chairperson qal li din it-triq ser jagħmilha Transport Malta. It-tender tagħha ħarġet u ingħatat. Suppost għanda titlesta fis-sena 2015..

- Resident issuġġerixxa li ssir traffic management fi Triq Zakkarija Ronkali – imqar b'żebgħa mal-art u li triq dejqa li tinsab bejn Triq Fra Gan Marie Zammit u Triq Zakkarija Ronkali tiġI one way direzzjoni minn Triq Fra Gan Marie Zammit għal Triq Zakarija Ronkali. Intalab ukoll li jitwaħħlu isem tat-triq it-Torri f'din il-parti minħabba li ma jeżistux.

Kien hemm qbil li tintalab l-approvazzjoni ta' Transport Malta fir-rigward u jiġu ordnati it-tabelli tal-isem tat-triq.

- Resident ilmenta fuq bollard ta' informazzjoni li ġiet imwaħħla mill-MTA. Din ta' sikwiet jiġu jirranġawha imma jerġgħu jkissruha.

Kien hemm qbil li jsir rapport fir-rigward.

- Resident talab biex issir manutenzjoni tal-flood light tal-kappella ta' Bubaqra.

Iċ-Chairperson qal li ser jgħid lill-kuntrattur tal-Kunsill jikkomunika ma' rappreżentant tal-Kappella imma x-xogħol jitħallas direttament mill-privat għax il-Kumitat Amministrattiv ma jistax jagħmel dan it-tip ta' xogħol.

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia rringrazzja lil dawk preżenti u stiedinhom jieħdu kafe'/te' flimkien.

Din il-laqgħa ġiet fi tmiema b'dan l-item fit-8.15 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ___ ta' Marzu, 2015

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**